**145. L-Onor. Ivan Bartolo, jipproponi:**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2023 għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel".

15 ta' Mejju 2023

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jipprovdi għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u tal-iskart tal-ikel.*

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2023 għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att".

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Malta Food imwaqqfa bis-saħħa tal-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Malta Food.

Prinċipji ta' gwida.

**3.** Il-Gvern għandu, permezz tal-Aġenzija, jara li jitnaqqsu l-ħela tal-ikel u l-iskart tal-ikel f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar, tad-distribuzzjoni u tal-immaniġġar tal-ikel.

Dan għandu jsir billi:

(a) jiġi mħeġġeġ l-irkupru u d-donazzjoni tal-ikel żejjed għall-iskop ta' solidarjetà soċjali fost il-bnedmin;

(b) jitrażżnu l-impatti negattivi fuq l-ambjent u r-riżorsi naturali billi jitwettqu azzjonijiet li jnaqqsu l-ħela tal-ikel u l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-ikel;

(c) jiġi promoss l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-ikel bil-għan li jitwal iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ikel; u

(d) jiġu promossi r-riċerka u l-għarfien ta' informazzjoni fost il-konsumaturi dwar il-materji kollha li huma meħtieġa biex jitnaqqas il-ħela tal-ikel u l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-ikel.

Setgħa li jsiru skemi.

**4.** Il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u s-sajd jew kull Ministru ieħor li jista' jiġi nominat għal dak il-għan mill-Prim Ministru għandu jistabbilixxi skemi sabiex jitwettqu l-għanijiet u l-prinċipji gwida mniżżla f'dan l-Att.

Proċedura għall-għemil ta' skemi.

**5.** Kull meta l-Ministru jkun stabbilixxa skema skont l-artikolu preċedenti, huwa għandu jippubblika avviż fil-Gazzetta li jindika li ħarġet l-iskema stabbilita skont dan l-Att u fejn tinstab l-informazzjoni dwar l-iskema. L-avviż għandu jiġi ppubblikat minn tal-inqas xahrejn qabel il-bidu tal-iskema.

Setgħa li jsiru regolamenti.

**6.** Il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura jew kull Ministru ieħor li jista' jiġi nominat għal dak il-għan mill-Prim Ministru għandu jagħmel regolamenti biex jagħti effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u l-infurzar tagħhom.

**7.** Kull skema u regolamenti taħt dan l-Att m'għandhomx isiru jekk l-abbozz tal-iskema jew tar-regolamenti msemmija ma jkunx inħareġ għall-konsultazzjoni pubblika hekk li kull persuna u organizzazzjoni mhux governattiva jkollha żmien ta' mill-anqas sitt ġimgħat biex tagħmel kummenti lill-Ministru, fejn tiddikjara kif fil-fehma tagħha l-iskema jew ir-regolamenti proposti jistgħu jittejbu biex jilħqu l-għan aħħari tagħhom.

Obbligu li ssir konsultazzjoni pubblika.

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-Għanijiet u Raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jitnaqqsu l-ħela u l-iskart f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar, tad-distribuzzjoni u tal-immaniġġar tal-ikel.

---

**A BILL**
**entitled**

*An ACT to provide for the reduction of food wastage and food waste.*

**1.** The short title of this Act is the Reduction of food waste Act, 2023, hereinafter referred to as "the Act". Short title.

**2.** In this Act, unless the context otherwise requires:

"Agency" means the Malta Food Agency established by virtue of the Malta Food Agency (Establishment) Order.

**3.** The Government shall, through the Agency, seek to reduce food wastage and food waste at every stage of the production, processing, distribution and handling of food. Guiding principles.

This shall be done:

(a) by encouraging the recovery and donation of excess food for the purpose of social solidarity among humans;

(b) by curbing the negative impacts on the environment and the natural resources by carrying out actions which reduce food wastage and the generation of food waste;

(c) by promoting the reuse and recycling of food with the aim of lengthening the life cycle of food; and

(d) by promoting research and knowledge of information among consumers on all matters that are necessary to reduce food wastage and the generation of food waste.

**4.** The Minister responsible for agriculture and fisheries or such other Minister as may be designated for such purpose by the Prime Minister, shall establish schemes in order to carry out the objectives and guiding principles listed in this Act. Power to make schemes.

**5.** Whenever the Minister has established a scheme in accordance with the previous article, he shall publish a notice in the Gazette indicating that the scheme established in accordance with this Act has been published and where the information about the scheme can be found. The notice shall be published at least two months before the start of the scheme. Procedure for the making of schemes.

**6.** The Minister responsible for agriculture and fisheries or such other Minister as may be designated for such purpose by the Prime Minister, shall make regulations to give effect to the provisions of this Act and their enforcement. Power to make regulations.

**7.** Any scheme and regulation under this Act shall not be made if the draft of the said scheme or regulations has not been issued for public consultation so that every person and non-governmental organization shall have a period of at least six weeks to make comments to the Minister, stating how in their opinion the proposed scheme or regulations can be improved to reach their ultimate goal. Duty to do public consultation.

## Objects and Reasons

The Objects and Reasons of this Bill are to reduce food wastage and food waste at every stage of the production, processing, distribution and handling of food.